2024/2545

26.11.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2545

tal-24 ta' Settembru 2024

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 95(11), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Is-swieq fil-kriptoassi huma inerentement transfruntiera. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti jkunu jistgħu jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni li tippermettilhom jissorveljaw b'mod effettiv lill-emittenti u lill-offerenti tal-kriptoassi kif ukoll lill-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw madwar l-Unjoni. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu t-twettiq effettiv tad-dmirijiet u l-funzjonijiet superviżorji, investigattivi u ta' infurzar tagħhom.

(2) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni b'mod effiċjenti u f'waqtu kif ukoll jipprovdu assistenza lil xulxin għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2023/1114, huwa xieraq li jiġu stabbiliti proċeduri, formoli u mudelli komuni għall-preżentazzjoni ta' talbiet għal assistenza, il-konfermi tar-riċevuti u t-tweġibiet għal tali talbiet.

(3) Jenħtieġ li normalment l-informazzjoni tiġi skambjata bil-miktub. Madankollu, jenħtieġ li f'każijiet xierqa jkunu possibbli komunikazzjonijiet bil-fomm, inkluż, b'mod partikolari, qabel tintbagħat talba bil-miktub għal kooperazzjoni jew għall-iskambju ta' informazzjoni, biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar talba futura għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni, jew biex tiġi diskussa kwalunkwe kwistjoni li tista' tagħmel diffiċli l-konformità ma' dik it-talba. F'każijiet urġenti, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li tiġi kkomunikata bil-fomm talba għal kooperazzjoni jew l-iskambju ta' informazzjoni, dment li tali urġenza ma tkunx dovuta għal dewmien min-naħa tal-parti rikjedenti.

(4) Talbiet urġenti għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni jenħtieġ li jkunu permessi meta jkun rikjest rispons fil-pront min-naħa tal-awtorità rikjedenti sabiex titwaqqaf ħsara sinifikanti jew tiġi evitata ħsara sinifikanti potenzjali għall-investituri jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u l-fiduċja fiha. Dan jinkludi każijiet fejn, pereżempju, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ospitanti reċentement kisbet evidenza li turi li fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi awtorizzat fi Stat Membru ieħor qed jikkummerċjalizza kriptoassi li mhumiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-klijenti jew tad-detenturi fil-livell tal-konsumatur stabbiliti fl-Artikolu 102 tar-Regolament (UE) 2023/1114. Jenħtieġ li t-talbiet urġenti jkunu permessi wkoll meta awtorità kompetenti ta' Stat Membru ospitanti tkun irċeviet ilmenti rilevanti relatati ma' fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi awtorizzat fi Stat Membru ieħor jew meta awtorità kompetenti jkollha raġunijiet biex temmen li fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera fil-ġuriżdizzjoni tagħha jkun f'riskju ta' insolvenza, li jista' jaffettwa lill-klijenti fil-ġuriżdizzjoni tagħha jew l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji.

(5) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 jistabbilixxi li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin, jiskambjaw informazzjoni u jassistu lil xulxin.

([1]) ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj.

(6) Jenħtieġ li t-trażmissjonijiet mhux mitluba jkunu previsti f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1114, inkluż fuq bażi volontarja meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tikkunsidra li l-informazzjoni fil-pussess tagħha tista' tkun ta' użu għal awtorità kompetenti oħra. Meta tittrażmetti informazzjoni mhux mitluba, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tiżgura li jkollha bażi legali biex tagħmel dan, u tindikaha fil-formola stabbilita fl-Anness rilevanti.

(7) Talba għal assistenza skont l-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) 2023/1114 jenħtieġ li tipprovdi informazzjoni suffiċjenti dwar is-suġġett tat-talba, inkluża r-raġuni għat-talba u l-kuntest tagħha, biex l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tista' tipproċessaha b'mod effiċjenti u espedjenti. Jenħtieġ li ma jkunx meħtieġ li awtorità rikjedenti tindika l-fatti li jwasslu għas-suspett ta' ksur li mmotiva t-talba meta l-informazzjoni mitluba tkun meħtieġa biex dik l-awtorità taqdi dmirijietha.

(8) Il-proċeduri għall-kooperazzjoni jenħtieġ li jippermettu u jiffaċilitaw il-komunikazzjoni, il-konsultazzjoni u l-interazzjoni bejn l-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba, biex jiġi żgurat ipproċessar effiċjenti tat-talbiet għal informazzjoni jew assistenza. Jenħtieġ li dawn il-proċeduri jippermettu wkoll lill-awtoritajiet kompetenti jipprovdu feedback lil xulxin dwar l-utilità tal-informazzjoni jew l-assistenza l-oħra rċevuta, dwar l-eżitu tal-każ li fir-rigward tagħha ntalbet l-assistenza, u dwar kwalunkwe problema li tinqala' fl-għoti ta' tali informazzjoni jew assistenza.

(9) Jenħtieġ li l-proċeduri u l-formoli għall-iskambju ta' informazzjoni u tal-assistenza jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni skambjata jew mibgħuta u l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-drittijiet ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*.

(10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppat mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority) f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA, European Banking Authority) u ppreżentat lill-Kummissjoni.

(11) L-ESMA talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(12) L-ESMA ma wettqitx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, u lanqas ma analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati tal-introduzzjoni ta' tali standards, peress li kieku għamlet dan kien ikun sproporzjonat ħafna fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-impatt ta' dawk l-istandards, meta jitqies li dan ir-Regolament jaffettwa biss lill-awtoritajiet u lill-entitajiet kompetenti u mhux lill-parteċipanti fis-suq.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "mezzi elettroniċi" huma mezzi ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompressjoni diġitali), il-ħażna u t-trażmissjoni ta' *data*, li jużaw wajers, radju, teknoloġiji ottiċi, jew kwalunkwe mezz elettromanjetiku ieħor, li jiżguraw li l-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni jinżammu matul it-trażmissjoni.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84), ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj).

Artikolu 2

Punti ta' kuntatt

1. Kull awtorità kompetenti għandha tiddeżinja punt ta' kuntatt għall-finijiet li jiġu kkomunikati t-talbiet għal kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) 2023/1114.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw id-dettalji tal-punti ta' kuntatt tagħhom lill-ESMA sal-15 ta' Jannar 2025 u għandhom jipprovdu informazzjoni aġġornata lill-ESMA kif meħtieġ.

3. L-ESMA għandha tmantni u żżomm aġġornata lista tal-punti ta' kuntatt iddeżinjati mill-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 1.

Artikolu 3

Talba għal kooperazzjoni jew l-iskambju ta' informazzjoni

1. Awtorità rikjedenti għandha tagħmel talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni bil-miktub, permezz tal-posta jew ta' mezzi elettroniċi. Hija għandha tindirizza t-talba lill-punt ta' kuntatt iddeżinjat skont l-Artikolu 2.

2. Meta titlob kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni, awtorità kompetenti għandha tuża l-formola stabbilita fl-Anness I u għandha:

(a) tispeċifika d-dettalji tal-informazzjoni rilevanti mitluba;

(b) tidentifika, fejn xieraq, il-kwistjonijiet relatati mal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni mitluba.

Artikolu 4

Konferma tar-riċevuta ta' talbiet għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni

1. Fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mir-riċevuta talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tibgħat konferma tar-riċevuta, bil-posta jew b'mezzi elettroniċi, lill-punt ta' kuntatt iddeżinjat skont l-Artikolu 2, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fit-talba. Il-konferma tar-riċevuta għandha ssir billi tintuża l-formola stabbilita fl-Anness II u, fejn ikun possibbli, għandha tinkludi l-indikazzjoni tad-data jew tal-perjodu ta' żmien stmat li fih mistennija tingħata tweġiba.

2. Meta ma jkunx possibbli li tiġi indikata d-data jew il-perjodu ta' żmien stmat għat-tweġiba, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tindika l-frekwenza li biha se taġġorna lill-awtorità rikjedenti.

Artikolu 5

Tweġiba għal talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni

1. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha twieġeb għal talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni bil-miktub, permezz tal-posta jew ta' mezzi elettroniċi. It-tweġiba għandha tiġi indirizzata lill-punt ta' kuntatt iddeżinjat skont l-Artikolu 2, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fit-talba. Meta l-awtorità li ssirilha t-talba tirrikjedi informazzjoni addizzjonali fir-rigward tat-talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni, hija għandha titlob aktar kjarifiki minnufih bi kwalunkwe mezz.

2. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha twieġeb għat-talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness III u għandha:

(a) tieħu l-passi raġonevoli kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat tagħha biex tipprovdi l-informazzjoni jew l-assistenza mitluba;

(b) taġixxi mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li tqis il-kumplessità tat-talba u l-ħtieġa li tinvolvi partijiet terzi jew awtorità kompetenti oħra.

3. Meta l-awtorità li ssirilha t-talba tirrifjuta li taġixxi, b'mod sħiħ jew parzjalment, fuq talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni, hija għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti malajr kemm jista' jkun bid-deċiżjoni tagħha, bil-miktub, permezz tal-posta jew ta' mezzi elettroniċi, filwaqt li tindika fuq liema raġunijiet għal rifjut stabbiliti fl-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2023/1114 tkun ibbażat fuqhom.

Artikolu 6

Talbiet urġenti għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 4 u 5, il-proċedura f'dan l-Artikolu għandha tapplika għal talbiet urġenti għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni.

2. L-awtorità rikjedenti għandha tispeċifika, b'mod ċar, ir-raġunijiet għall-urġenza tat-talba, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness I.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, l-awtorità rikjedenti tista' inizjalment tikkomunika l-informazzjoni bil-fomm meta dan ikun iġġustifikat miċ-ċirkostanzi konkreti li wasslu għat-talba. Dik il-preżentazzjoni bil-fomm għandha sussegwentement tiġi kkonfermata bil-miktub u trażmessa lill-awtorità li ssirilha t-talba, mingħajr dewmien żejjed, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness I, sakemm l-awtorità li ssirilha t-talba ma taqbilx mod ieħor.

4. Fi żmien 3 ijiem tax-xogħol mir-riċevuta ta' talba urġenti għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tibgħat konferma tar-riċevuta bil-miktub, permezz tal-posta jew ta' mezzi elettroniċi, lill-punt ta' kuntatt iddeżinjat skont l-Artikolu 2, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fit-talba, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness II.

5. Jekk l-awtorità li ssirilha t-talba ma taqbilx mal-urġenza tat-talba, hija għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti b'dan il-fatt flimkien mal-konferma tar-riċevuta, filwaqt li tagħti d-dettalji dwar ir-raġunijiet tagħha b'mod ċar u billi tuża l-formola stabbilita fl-Anness II. F'tali każ, it-talba ma għandhiex tiġi ttrattata bħala talba urġenti għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni.

6. Meta l-awtorità li ssirilha t-talba tirrifjuta li taġixxi, b'mod sħiħ jew parzjalment, fuq talba urġenti għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni, hija għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti malajr kemm jista' jkun bid-deċiżjoni tagħha, bil-miktub, permezz tal-posta jew ta' mezzi elettroniċi, filwaqt li tindika għal liema raġunijiet għal rifjut stabbiliti fl-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2023/1114 tkun ibbażat fuqhom.

7. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tipprovdi tweġiba preċiża u komprensiva malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn 10 ijiem tax-xogħol mir-riċevuta tat-talba. It-tweġiba għandha tingħata bil-miktub, permezz tal-posta jew ta' mezzi elettroniċi, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness III, sakemm l-awtorità rikjedenti ma taqbilx mod ieħor.

8. Meta l-awtorità li ssirilha t-talba ma tkunx tista' tipprovdi lill-awtorità rikjedenti bi tweġiba preċiża u komprensiva fi żmien 10 jum tax-xogħol, hija għandha, permezz ta' deroga mill-paragrafu 7, tipprovdi tweġiba parzjali sa dik l-iskadenza. F'dak il-każ, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tipprovdi tweġiba preċiża u komprensiva fi żmien 20 jum tax-xogħol mid-data tar-riċevuta tat-talba oriġinali. Meta l-awtorità li ssirilha t-talba ma tkunx tista' tiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa sa dik l-iskadenza, hija għandha tipprovdi spjegazzjoni tar-restrizzjonijiet rilevanti lill-awtorità rikjedenti.

Artikolu 7

Proċeduri biex tintbagħat u tiġi pproċessata talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni

1. L-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba għandhom jikkomunikaw bl-użu tal-aktar mezzi espedjenti, filwaqt li jqisu dan li ġej:

(a) il-kunsiderazzjonijiet ta' kunfidenzjalità;

(b) it-tul ta' ħin tal-korrispondenza;

(c) il-volum tal-materjal li għandu jiġi kkomunikat;

(d) il-faċilità ta' aċċess għall-informazzjoni mill-awtorità rikjedenti.

L-awtorità rikjedenti għandha twieġeb fil-pront għal kwalunkwe talba ta' kjarifika mill-awtorità li ssirilha t-talba.

2. Meta ma tkunx tista' tingħata tweġiba sad-data jew sal-perjodu ta' żmien stmat imsemmija fl-Artikolu 4(1), l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tagħti data jew perjodu ta' żmien stmat ġdid lill-awtorità rikjedenti filwaqt li tispjega r-raġunijiet għad-dewmien, billi tuża l-istess mezzi użati għall-konferma tar-riċevuta tat-talba.

3. L-awtorità li ssirilha t-talba u l-awtorità rikjedenti għandhom jikkooperaw sabiex isolvu kwalunkwe diffikultà li tista' tinħoloq fl-eżekuzzjoni ta' talba.

Artikolu 8

Proċedura għat-talbiet rigward it-teħid ta' dikjarazzjoni mingħand persuna

1. Fejn l-awtorità rikjedenti tinkludi fit-talba tagħha li tittieħed dikjarazzjoni minn kwalunkwe persuna, l-awtorità li ssirilha t-talba u l-awtorità rikjedenti għandhom, soġġett għal-limitazzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet legali eżistenti u kwalunkwe differenza fir-rekwiżiti proċedurali, jivvalutaw u jikkunsidraw dan li ġej:

(a) id-drittijiet tal-persuni li mingħandhom għandu jittieħdu d-dikjarazzjonijiet, inkluż, fejn applikabbli, kwalunkwe kwistjonijiet ta' awtoinkriminazzjoni;

(b) ir-rwol u n-natura tal-parteċipazzjoni tal-persunal tal-awtorità li ssirilha t-talba u tal-awtorità rikjedenti fit-teħid tad-dikjarazzjoni, b'mod partikolari jekk il-parteċipazzjoni tkunx attiva jew passiva;

(c) jekk il-persuna li mingħandha għandha tittieħed d-dikjarazzjoni għandhiex id-dritt li tkun assistita minn rappreżentant legali, u jekk dan ikun il-każ, l-ambitu tal-assistenza mir-rappreżentant matul it-teħid tad-dikjarazzjoni, inkluż fir-rigward ta' kwalunkwe rekord jew rapport tad-dikjarazzjoni;

(d) jekk id-dikjarazzjoni għandhiex tittieħed fuq bażi volontarja jew mandatorja, fejn teżisti tali distinzjoni;

(e) jekk, abbażi tal-informazzjoni disponibbli meta ssir it-talba, il-persuna li mingħandha għandha tittieħed id-dikjarazzjoni tkunx xhud jew persuna suspettata, fejn teżisti tali distinzjoni;

(f) jekk, abbażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien tat-talba, id-dikjarazzjoni tkunx tista' jew hijiex maħsuba biex tintuża fi proċedimenti kriminali;

(g) l-ammissibbiltà tad-dikjarazzjoni fil-ġuriżdizzjoni tal-awtorità rikjedenti;

(h) ir-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni u tal-proċeduri applikabbli, inkluż jekk id-dikjarazzjoni hijiex se tkun kontemporanja, miġburin fil-qosor f'minuti miktubin jew irreġistrati bl-użu ta' mezzi awdjo jew awdjoviżivi;

(i) proċeduri dwar iċ-ċertifikazzjoni jew il-konferma tad-dikjarazzjoni mill-persuni li jipprovdu d-dikjarazzjoni, inkluż jekk tali ċertifikazzjoni jew konferma ssirx wara li ttieħdet id-dikjarazzjoni; u

(j) il-proċedura għat-trażmissjoni tad-dikjarazzjoni lill-awtorità rikjedenti, inkluż il-format ta' tali trażmissjoni u ż-żmien għaliha.

2. L-awtorità li ssirilha t-talba u l-awtorità rikjedenti għandhom jiżguraw li jkun hemm arranġamenti fis-seħħ li jippermettu lill-persunal tagħhom jipproċedi b'mod effiċjenti u li jaqblu dwar dan li ġej:

(a) l-ippjanar ta' dati;

(b) il-lista ta' mistoqsijiet li għandhom isiru lill-persuna li mingħandha trid tittieħed id-dikjarazzjoni;

(c) l-arranġamenti tal-ivvjaġġar, inkluż l-iżgurar li l-awtorità li ssirilha t-talba u l-awtorità rikjedenti jkunu jistgħu jiltaqgħu biex jiddiskutu l-kwistjoni qabel ma tittieħed id-dikjarazzjoni;

(d) arranġamenti lingwistiċi;

(e) kwalunkwe kwistjoni prattika oħra li tista' tinqala' b'rabta mat-teħid ta' dikjarazzjoni.

Artikolu 9

Proċedura għal talbiet li jirrigwardaw investigazzjoni jew spezzjoni fuq il-post

1. Fejn issir talba biex titwettaq investigazzjoni jew spezzjoni fuq il-post skont l-Artikolu 95(4) tar-Regolament (UE) 2023/1114, l-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba għandhom jikkonsultaw ma' xulxin dwar l-aħjar mod kif jista' jingħata effett utli għat-talba, filwaqt li jikkunsidraw l-Artikolu 95(4), tat-tieni subparagrafu, punti (a) sa (d), tar-Regolament (UE) 2023/1114, inkluż dwar il-merti li titwettaq investigazzjoni konġunta jew spezzjoni konġunta fuq il-post.

2. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha żżomm l-awtorità rikjedenti infurmata dwar il-progress tal-investigazzjoni jew tal-ispezzjoni fuq il-post u għandha tittrażmetti s-sejbiet tagħha fil-pront lill-awtorità rikjedenti.

3. Meta jieħdu deċiżjoni dwar jekk jibdewx investigazzjoni konġunta jew spezzjoni konġunta fuq il-post, l-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba għandhom jikkunsidraw tal-inqas dan li ġej:

(a) il-kontenut ta' kwalunkwe talba għal assistenza riċevuta mingħand l-awtorità rikjedenti, inkluż kwalunkwe suġġeriment dwar l-adegwatezza li titwettaq investigazzjoni konġunta jew spezzjoni konġunt fuq il-post;

(b) jekk l-awtoritajiet kompetenti humiex iwettqu b'mod separat l-inkjesti tagħhom stess dwar kwistjoni b'implikazzjonijiet transfruntieri u jekk dik il-kwistjoni tkunx aktar xierqa għal azzjoni konġunta;

(c) il-qafas legali u regolatorju f'kull waħda mill-ġuriżdizzjonijiet tagħhom kif ukoll ir-restrizzjonijiet potenzjali u l-limitazzjonijiet legali tat-twettiq ta' kwalunkwe investigazzjoni jew spezzjoni konġunta fuq il-post u dwar kwalunkwe proċediment li jista' jsegwi, inkluż kwalunkwe kwistjoni relatata mal-prinċipju ta' *ne bis in idem*;

(d) l-immaniġġjar u d-direzzjoni meħtieġa għall-investigazzjoni jew l-ispezzjoni fuq il-post;

(e) l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-ħatra tal-persunal inkarigat biex iwettaq investigazzjonijiet jew spezzjonijiet fuq il-post;

(f) il-possibbiltà li jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni konġunt u skeda ta' żmien għall-ħidma li għandha titwettaq minn kull awtorità kompetenti;

(g) id-determinazzjoni ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu, b'mod konġunt jew b'mod individwali, minn kull awtorità kompetenti;

(h) il-kondiviżjoni reċiproka tal-informazzjoni miġbura u tar-rappurtar dwar ir-riżultati ta' kwalunkwe azzjoni individwali meħuda;

(i) kwistjonijiet speċifiċi oħra tal-każ.

4. Meta l-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba jiddeċiedu li jwettqu investigazzjoni konġunta jew spezzjoni konġunta fuq il-post, huma għandhom:

(a) jaqblu dwar il-proċeduri għat-twettiq u l-konklużjoni tagħha;

(b) jidħlu fi djalogu li għaddej biex jikkoordinaw il-ġbir tal-informazzjoni u t-tfittxija konġunta tal-fatti;

(c) jaħdmu mill-qrib u jikkooperaw ma' xulxin dwar it-twettiq tal-investigazzjoni konġunta jew tal-ispezzjoni konġunta fuq il-post;

(d) jipprovdu assistenza reċiproka fi proċedimenti ta' infurzar sussegwenti sa fejn ikun legalment permissibbli, inkluż l-koordinazzjoni ta' kwalunkwe proċedimenti jew azzjoni ta' infurzar relatati mal-eżitu tal-investigazzjoni konġunta jew l-ispezzjoni konġunta fuq il-post (amministrattiva, ċivili jew kriminali) jew, fejn xieraq, il-prospetti ta' soluzzjoni.

(e) jidentifikaw id-dispożizzjonijiet legali speċifiċi li jirregolaw is-suġġett tal-investigazzjoni konġunta jew tal-ispezzjoni konġunta fuq il-post.

Artikolu 10

Għoti ta' informazzjoni mhux mitluba

Meta awtorità kompetenti jkollha informazzjoni li temmen li tassisti lil awtorità kompetenti oħra għall-finijiet tat-twettiq ta' dmirijietha skont ir-Regolament (UE) 2023/1114, għandha tibgħat dik l-informazzjoni bil-miktub bil-posta jew b'mezzi elettroniċi lill-awtorità kompetenti l-oħra mingħajr dewmien żejjed, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness IV, u tispeċifika l-bażi legali għall-għoti tal-informazzjoni.

Artikolu 11

Restrizzjonijiet u l-użu permissibbli ta' informazzjoni

1. L-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba għandhom jinkludu twissija ta' kunfidenzjalità xierqa fi kwalunkwe talba għal assistenza, fi tweġiba għal talba għal assistenza jew fi trażmissjoni ta' informazzjoni mhux mitluba f'konformità mal-formoli stabbiliti fl-Anness rilevanti.

2. Meta, sabiex tiġi eżegwita t-talba, l-awtorità li ssirilha t-talba tkun rikjesta tiddivulga l-fatt li l-awtorità rikjedenti tkun għamlet talba, għandha tiddivulga t-talba wara li tkun iddiskutiet in-natura u d-daqs tad-divulgazzjoni meħtieġa mal-awtorità rikjedenti u wara li tkun kisbet il-kunsens tal-awtorità kompetenti għal tali divulgazzjoni. Meta l-awtorità rikjedenti ma tagħtix il-kunsens tagħha għad-divulgazzjoni, l-awtorità li ssirilha t-talba ma għandhiex taġixxi fuq it-talba, u l-awtorità rikjedenti tista' tirtira jew tissospendi t-talba tagħha sakemm tkun tista' tagħti tali kunsens għad-divulgazzjoni.

3. L-informazzjoni riċevuta f'konformità mal-Artikolu 10 għandha tintuża biss għall-finijiet tal-iżgurar tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2023/1114, jew tal-infurzar tagħhom, inklużi il-bidu, it-twettiq jew l-assistenza fi proċedimenti kriminali, amministrattivi, ċivili jew dixxiplinarji li jirriżultaw minn ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

FORMOLA GĦAL TALBA GĦAL KOOPERAZZJONI JEW GĦAL SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

Talba għal kooperazzjoni jew għal skambju ta' informazzjoni

Numru ta' referenza:

Data:

Informazzjoni ġenerali

MINN:

Stat Membru:

Awtorità Kompetenti:

Indirizz:

(Dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefown:

Email:

GĦAL:

Stat Membru:

Awtorità Kompetenti:

Indirizz:

(Dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefown:

Email:

Għażiż/a [*daħħal l-isem xieraq*],

F'konformità mal-Artikolu 3 qed jintalab il-kontribut tiegħek dwar il-kwistjoni(jiet) imniżżla f'aktar dettall hawn taħt.

Inkun grat jekk nirċievi tweġiba għat-talba ta' hawn fuq fi żmien [*ipprovdi perjodu ta' żmien ibbażat fuq it-tip ta' talba*] mir-riċevuta ta' din it-talba.

Tip ta' Talba

Immarka l-kaxxa/i adattata/i

Attivitajiet superviżorji (għoti ta' informazzjoni, teħid ta' dikjarazzjoni) □

Investigazzjoni □

Spezzjoni fuq il-post □

□

Urġenza tat-Talba

Immarka l-kaxxa/i adattata/i

Talba mhux urġenti □

Talba urġenti □

Il-[*awtorità rikjedenti*] titlob lill-[*awtorità li ssirilha t-talba*] tqis din it-talba bħala urġenti għar-raġunijiet li ġejjin:

.....
.....
.....

[*ipprovdi, b'mod ċar, ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-urġenza tat-talba, inkluż jekk it-talba saret inizjalment bil-fomm*]

Raġunijiet għat-Talba

.....
.....
.....

[*daħħal id-dispożizzjoni(jiet) tal-leġiżlazzjoni settorjali i) li taħtha l-awtorità rikjedenti hija kompetenti biex tittratta l-kwistjoni u ii) li tista' potenzjalment tinkiser.]*

It-talba hija għal kooperazzjoni jew għal skambju ta' informazzjoni dwar

.....
.....
.....

[daħħal id-deskrizzjoni tas-suġġett tat-talba, l-għan li għalih qed tintalab il-kooperazzjoni jew l-iskambju ta' informazzjoni, il-fatti sottostanti għall-investigazzjoni li jiffurmaw il-bażi tat-talba kif ukoll l-ispjegazzjoni dwar kif it-tweġiba għall-informazzjoni jew l-assistenza mitluba se tkun utli biex jiġu ssodisfati d-dmirijiet skont ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])]

Minn dan isegwi

.....
.....
.....

[*jekk applikabbli, daħħal id-dettalji ta' kwalunkwe talba preċedenti sabiex tkun tista' tiġi identifikata*]

([1]) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).

Attivitajiet Superviżorji (għoti ta' informazzjoni, teħid ta' dikjarazzjoni)

Għoti ta' informazzjoni

Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-informazzjoni speċifika mitluba bir-raġunijiet għaliex dik l-informazzjoni se tkun ta' assistenza u, jekk magħruf, lista tal-persuni li jista' jkollhom l-informazzjoni mitluba jew tal-postijiet minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

……

……

……

Jekk it-talba tikkonċerna informazzjoni dwar tranżazzjoni jew ordni f'kriptoassi speċifiċi, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja.

ID tal-prodott:

……

[*daħħal deskrizzjoni preċiża tal-kriptoassi, inkluż l-identifikatur tal-prodott f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jistabbilixxi standards tekniċi adottati skont l-Artikolu 68(10)(b) tar-Regolament (UE) 2023/1114*]

ID tal-persuna:

……

[daħħal l-identità ta' kwalunkwe persuna marbuta mat-tranżazzjoni jew l-ordni, inkluża persuna li tinnegozja fil-kriptoassi jew li f'isimha jitqies li jkun sar in-negozjar] Fejn disponibbli, inkludi kwalunkwe kodiċi ta' identifikazzjoni applikabbli, bħall-kodiċi LEI jew l-ID tal-klijent skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])]

Dati:

……

[*daħħal id-dati li bejniethom ikunu saru tranżazzjonijiet jew ordnijiet f'dawk il-kriptoassi inkluż, fil-każ ta' perjodu ta' żmien sinifikanti, ir-raġunijiet għaliex huwa meħtieġ dan il-perjodu ta' żmien kollu*]

Jekk it-talba tikkonċerna informazzjoni relatata man-negozju jew mal-attivitajiet ta' persuna, ipprovdi informazzjoni biex tkun tista' tiġi identifikata dik il-persuna.

……

……

……

Jekk hemm kunsiderazzjonijiet speċjali rigward is-sensittività tal-informazzjoni mitluba, ipprovdi indikazzjoni ta' dik is-sensittività u ta' kwalunkwe prekawzjoni speċjali li trid tittieħed fil-ġbir tal-informazzjoni minħabba kunsiderazzjonijiet relatati mal-investigazzjoni. Speċifika wkoll jekk l-awtorità li ssirilha t-talba tistax tiżvela l-identità tal-awtorità rikjedenti.

……

……

……

……

Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li titqies rilevanti.

……

……

……

[Pereżempju, *jekk l-awtorità rikjedenti kkuntattjatx jew hux se tikkuntattja kwalunkwe awtorità jew aġenzija tal-infurzar tal-liġi oħra fl-Istat Membru tal-awtorità li ssirilha t-talba fir-rigward tas-suġġett tat-talba jew ma' kwalunkwe awtorità oħra li, sa fejn tkun konxja l-awtorità rikjedenti, għandha interess attiv fis-suġġett tat-talba*]

Teħid ta' dikjarazzjoni

Indika:

(a) Tip ta' dikjarazzjoni:

(i) ġurament □

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2014/600/oj).

(ii) dikjarazzjoni solenni □

(iii) bil-miktub □

(b) Bażi tad-dikjarazzjoni:

(i) volontarja □

(ii) mandatorja □

(c) Il-ħtieġa u l-għan tat-teħid ta' dikjarazzjoni u, fejn applikabbli, li tintalab dikjarazzjoni ġuramentata jew dikjarazzjoni solenni:

……
……
……

(d) Isem il-persuni mingħand min għandha tittieħed id-dikjarazzjoni:

……
……
……

[*daħħal id-dettalji tal-persuni mingħand min se tittieħed id-dikjarazzjoni sabiex l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tista' tibda l-proċess tat-tħarrik, fejn applikabbli*]

(e) Deskrizzjoni ddettaljata tal-informazzjoni mitluba, inkluż lista preliminari ta' mistoqsijiet (jekk disponibbli fiż-żmien tat-talba):

……
……
……

(f) Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li titqies rilevanti:

……
……
……

[*Pereżempju, indika jekk il-persunal tal-awtorità rikjedenti huwiex jitlob li jipparteċipa fit-teħid tad-dikjarazzjoni, id-dettalji tal-uffiċjali parteċipanti tal-awtorità rikjedenti, fejn ikun xieraq, deskrizzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit legali u proċedurali li jrid jiġi rrispettat sabiex tkun żgurata l-ammissibbiltà tad-dikjarazzjonijiet li jsiru fil-ġuriżdizzjoni tal-awtorità rikjedenti*]

Il-ftuħ ta' investigazzjoni

Jekk it-talba tikkonċerna l-ftuħ ta' investigazzjoni f'isem l-awtorità rikjedenti, ipprovdi informazzjoni biex l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tista' tivvaluta jekk jistax ikollha interess li tidħol f'investigazzjoni konġunta, inkluża l-proposta tal-awtorità rikjedenti għall-investigazzjoni, ir-raġunament tagħha għall-ftuħ ta' investigazzjoni u l-benefiċċji perċepiti għal dik l-awtorità.

……
……
……

[*inkluża l-informazzjoni rilevanti kollha li teħtieġ l-awtorità li ssirilha t-talba biex tkun tista' tipprovdi l-assistenza meħtieġa billi tiftaħ investigazzjoni jew investigazzjoni konġunta, kif xieraq*]

Il-ftuħ ta' spezzjoni fuq il-post

Jekk it-talba tikkonċerna l-ftuħ ta' spezzjoni fuq il-post f'isem l-awtorità rikjedenti, ipprovdi informazzjoni biex l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tista' tivvaluta jekk jistax ikollha interess tidħol fi spezzjoni konġunta fuq il-post, inkluża l-proposta tal-awtorità rikjedenti għal spezzjoni, ir-raġunament tagħha għall-ispezzjoni u l-benefiċċji perċepiti għal dik l-awtorità.

……
……
……

[*inkluża l-informazzjoni relevanti kollha li teħtieġ l-awtorità li ssirilha t-talba biex tipprovdi l-assistenza meħtieġa billi tiftaħ spezzjoni fuq il-post jew spezzjoni konġunta fuq il-post, kif xieraq*]

L-informazzjoni inkluża f'din it-talba għandha tinżamm kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) 2023/1114. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 101 tar-Regolament (UE) 2023/1114 għandhom jiġu osservati fir-rigward ta' kwalunkwe *data* persunali inkluża f'din it-talba. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiġi pprovduta lis-suġġetti tad-*data* f'konformità mat-Taqsima 2 "Informazzjoni u aċċess għad-*data* personali" tal-Kapitolu III "Id-drittijiet tas-suġġett tad-*data*" tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

Dejjem tiegħek,

[*firma*]

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1,ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

ANNESS II

FORMOLA TAL-KONFERMA TAR-RIĊEVUTA

Konferma tar-riċevuta

Numru ta' referenza:

Data:

MINN:

Stat Membru:

Awtorità Kompetenti:

Indirizz:

(Dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefown:

Email:

GĦAL:

Stat Membru:

Awtorità Kompetenti:

Indirizz:

(Id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefown:

Email:

Għażiż/a [*daħħal l-isem xieraq*],

Nixtiequ ngħarrfuk li rċevejna t-talba tiegħek għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni [*daħħal ir-referenza għat-talba*] fi [*daħħal id-data*].

□ Il-[*awtorità li ssirilha t-talba*] mhux se tkun tista' twieġeb sal-iskadenza indikata fit-talba għar-raġunijiet li ġejjin [*speċifika liema eċċezzjoni/jiet hija/huma applikabbli fis-sitwazzjoni tiegħek*]:

……

……

……

[*F'każ li l-awtorità li ssirilha t-talba ma tkunx tista' twieġeb sal-iskadenza indikata fit-talba, ipprovdi r-raġunijiet u d-data stmata tat-tweġiba*]

□ Il-[*awtorità li ssirilha t-talba*] tqis li t-talba riċevuta mill-[*awtorità rikjedenti*] fi [*daħħal id-data*] mhijiex urġenti għar-raġunijiet li ġejjin:

……

……

……

[*F'każ li l-awtorità li ssirilha t-talba ma taqbilx mal-urġenza tat-talba, ipprovdi r-raġunijiet sal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 6(3)*]

Kwalunkwe *data* personali pprovduta għandha tiġi pproċessata mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiġi pprovduta lis-suġġetti tad-*data* f'konformità mat-Taqsima 2 "Informazzjoni u aċċess għad-*data* personali" tal-KAPITOLU III "Id-drittijiet tas-suġġett tad-data" ta' dak ir-Regolament.

Dejjem tiegħek,

[firma]

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1; ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

ANNESS III

FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA GĦAL TALBA GĦAL KOOPERAZZJONI JEW GĦAL SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

Tweġiba għal talba għal kooperazzjoni jew għal skambju ta' informazzjoni

Numru ta' referenza:

Data:

MINN:

Stat Membru:

Awtorità Kompetenti:

Indirizz:

(Id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefown:

Email:

GĦAL:

Stat Membru:

Awtorità Kompetenti:

Indirizz:

(Id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefown:

Email:

Għażiż/a [*daħħal l-isem xieraq*],

F'konformità mal-Artikolu 5, it-talba tiegħek datata [jj.xx.ssss] bin-numru ta' referenza [*daħħal in-numru ta' referenza*] ġiet ipproċessata minna.

Informazzjoni miġbura

……
……
……
[*Jekk l-informazzjoni nġabret, niżżel l-informazzjoni hawnhekk jew spjega kif se tingħata*]

L-informazzjoni pprovduta hija kunfidenzjali u tiġi żvelata lil [*daħħal isem l-awtorità rikjedenti*] skont [*daħħal id-dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli*] u fuq il-bażi li l-informazzjoni għandha tibqa' kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Il-[*daħħal isem l-awtorità rikjedenti*] għandha tosserva r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11 fir-rigward tal-użi permissibbli tal-informazzjoni pprovduta, u l-Artikolu 101 tar-Regolament (UE) 2023/1114 fir-rigward tal-ipproċessar u t-trasferiment tad-data personali. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiġi pprovduta lis-suġġetti tad-*data* f'konformità mat-Taqsima 2 "Informazzjoni u aċċess għad-*data* personali" tal-Kapitolu III "Id-drittijiet tas-suġġett tad-*data*" tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

Jekk il-[*daħħal isem l-awtorità rikjedenti*] għandha l-intenzjoni li tuża jew tiżvela informazzjoni pprovduta f'din it-tweġiba għal għan differenti minn dak iddikjarat fit-talba iżda li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1114, il-[*daħħal isem l-awtorità rikjedenti*] għandha tinnotifika lil [*daħħal isem l-awtorità li ssirilha t-talba*] li għandha 10 ijiem tax-xogħol biex toġġezzjona għal tali użu jew żvelar, jew fejn meħtieġ tindika limitu ta' żmien preċiż sa meta se jkunu jistgħu jipprovdu tali feedback.

Fejn il-[*daħħal isem l-awtorità rikjedenti*] għandha l-intenzjoni li tuża jew tiżvela informazzjoni pprovduta f'din it-tweġiba għal xi għan li jmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1114, hija għandha tinnotifika lil [*daħħal isem l-awtorità li ssirilha t-talba*] u, sakemm ma tapplikax l-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 100(2) tar-Regolament (UE) 2023/1114, hija għandha tikseb il-kunsens minn qabel ta' [*daħħal isem l-awtorità li ssirilha t-talba*]. Fejn il-[*daħħal isem l-awtorità li ssirilha t-talba*] tagħti l-kunsens tagħha għal tali użu jew żvelar, tista' tkun soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet.

Dejjem tiegħek,

[*firma*]

([1]) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1; ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

ANNESS IV

FORMOLA GĦALL-GĦOTI TA' INFORMAZZJONI MHUX MITLUBA

Għoti ta' informazzjoni mhux mitluba

Numru ta' referenza:

Data:

MINN:

Stat Membru:

Awtorità Kompetenti:

Indirizz:

(Id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefown:

Email:

GĦAL:

Stat Membru:

Awtorità Kompetenti:

Indirizz:

(Id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefown:

Email:

Għażiż/a [*daħħal l-isem xieraq*],

F'konformità mal-Artikolu 10, qed nipprovdu l-informazzjoni li ġejja li nemmnu li tista' tkun ta' għajnuna fit-twettiq ta' dmirijietek.

Informazzjoni pprovduta

……
……
……

[*Daħħal id-dettalji tal-informazzjoni hawnhekk, inkluża, jekk rilevanti, deskrizzjoni ta' kwalunkwe dokument ta' sostenn jew materjal anness*]

L-informazzjoni pprovduta hija kunfidenzjali u qed tiġi żvelata lil [*daħħal isem l-awtorità kompetenti li qed tirċievi l-informazzjoni*] skont l-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u fuq il-bażi li l-informazzjoni għandha tibqa' kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) 2023/1114.

Il-[*daħħal isem l-awtorità kompetenti li qed tirċievi l-informazzjoni*] għandha tosserva r-rekwiżiti tal-Artikolu 11 fir-rigward tal-użi permissibbli ta' tali informazzjoni, u tal-Artikolu 101 tar-Regolament (UE) 2023/1114 fir-rigward tal-ipproċessar u t-trasferiment tad-*data* personali. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiġi pprovduta lis-suġġetti tad-*data* f'konformità mat-Taqsima 2 "Informazzjoni u aċċess għad-*data* personali" tal-Kapitolu III "Id-drittijiet tas-suġġett tad-*data*" tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

Fejn il-[*daħħal isem l-awtorità kompetenti li tirċievi l-informazzjoni*] għandha l-intenzjoni li tuża jew tiżvela informazzjoni pprovduta f'din it-tweġiba għal għanijiet differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 11(3) hija għandha tinnotifika lil [*daħħal isem l-awtorità kompetenti li tipprovdi l-informazzjoni*] u, sakemm tiġi applikata l-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 100(2) tar-Regolament (UE) 2023/1114, għandha tikseb il-kunsens minn qabel ta' [*daħħal isem l-awtorità kompetenti li tipprovdi l-informazzjoni*]. Fejn [*daħħal isem l-awtorità kompetenti li tipprovdi l-informazzjoni*] tagħti l-kunsens tagħha għal dan l-użu jew l-iżvelar tal-informazzjoni, din tista' tkun soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet.

Dejjem tiegħek,

[*firma*]

([1]) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1; ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).